MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1133/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh (ID nri. 40480(M) u 572380(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. datat 12 ta' Novembru 2008.

Illi l-Prokuratur Legal! Francesca Scerri ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta' attrici bil-gurament taghha tikkonferma :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fkuntratt tat-18 ta' Frar 2005 (DOK A) in atti Nutar Dottor Bartolomeo

Micallef, is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh fis-somma ta' mija u sittax-il elf, disa' mija u sebgha u sittin ewro u disgha u tmenin centezmu (€116,967.89) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh mal-Bank of Valletta p.l.c.(Dok B1 sa B3, u Dok C1 sa C3) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta' Ottubru 2008 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument A) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh; (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt , (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 9 ta' Jannar 2008 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok D, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess socjeta' rikorrenti tablet li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikkjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew iktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument A) partikolarment imma mhux esklussivament , billi Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh; (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt ,

(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sittax-il elf, disa' mija u sebgha u sittin ewro u disgha u tmenin centezmu (€116,967.89) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh mal-Bank of Valletta p.l.c.(Dok B1 sa B3, u Dok C1 sa C3) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta' Ottubru 2008 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Jannar 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru konta l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tas-socjeta' rikorrenti;

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u hekk baqghu kontumaci u baqghu ukoll ma dehrux ghas-seduta tal-4 ta' Marzu 2009;

Rat ix-xhieda u dokumenti prodotti mis-socjeta' rikorrenti kif ukoll dik ta' Dr. Dominic Cassar li kkonferma li ma thallas xejn fil-mori tal-kawza u l-ammont rikjest fir-rikors guramentat ghadu kollu dovut;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Rat il-verbal tallum 4 ta1 Marzu 2009;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati;

1. Tiddikkjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew iktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument A) partikolarment imma mhux esklussivament , billi Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh; (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt , (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sittax-il elf, disa' mija u sebgha u sittin ewro u disgha u tmenin centezmu (€116,967.89) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' Rodney u Charmaine Mary Grace mizzewgin Marsh mal-Bank of Valletta p.l.c.(Dok B1 sa B3, u Dok C1 sa C3) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta' Ottubru 2008 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Jannar 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------